MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 37/1997/2

**Rosaria armla ta' Joseph Attard u b'digriet
tas-17 ta' Novembru, 2000 il-gudizzju gie trasfuz
f'isem Angela sive Lina Mizzi
stante l-mewt ta' Rosaria Attard fil-mori tal-Kawza.**

**v.**

**Michael Paul Bajada, Salvina Jane Agius,
Mikelina Bajada, Maria Giovanna Attard, Maria
Antonia Attard,
Maria Rosa Attard u Michelina Bajada li b'digriet
tas-27 ta' Frar 1997 giet nominata
kuratur deputat sabiex tirraprezenta
lill-assenti Frank Attard.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**L-azzjoni ta' l-attrici**

1.1 Din hija *actio rei vindicatoria* fejn l-attrici Rosaria Attard (illum sostitwita minn Angela sive Lina Mizzi, eredi taghha) talbet ir-rivendika favur taghha ta` parti mill-art imsejha "Ta` Bertu" li tinsab ix-Xaghra Ghawdex – infatti l-attrici tippretendi li terz ta` din l-art jispetta lilha qua sehemha mill-wirt tan-nanniet taghha Antonio u Maria Sciberras.

1.2. Irrizulta li din l-art ghandha provenjenza komuni peress li kienet tappartjeni lil imsemmija konjugi Sciberras, li mietu wiehed fit-2 ta` Lulju 1951[1] u Maria Sciberras fis-6 ta` Novembru 1956[2]. Il-konjugi Sciberras kellhom hamest ulied – Marianna mizzewga Attard, Margherita mizzewga Refalo, Lorenzo, Concetta u Guzeppi ahwa Sciberras. L-attrici, Rosaria Attard hija bint Margherita Refalo. Il-konvenuti kollha, hlief ghal Michael Paul Bajada huma wlied Marianna Attard nee` Sciberras. Il-konvenut l-iehor, Michael Paul Bajada huwa iben Michelina Bajada nee` Attard u n-neputi tal-konvenuti l-ohra (mhux kif qalet l-ewwel Qorti, hu l-konvenuti l-ohra).

1.3. B'kuntratt ta` donazzjoni, fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani tat-22 ta` Novembru 1994 il-konvenuti kollha hlief Michael Paul Bajada, ittrasferew lill-imsemmi konvenut, b'titolu ta` donazzjoni, l-art de quo.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2.1. Dwar tali trasferiment, il-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom jasserixxu li huma kienu ntitolati li jaghmlu din id-donazzjoni lil iben ohthom ghaliex l-art de quo kienet tappartjeni lill-ġenituri taghhom Marianna u Giuseppe Attard, wara li kienet giet moghtija lilhom minn missier Marianna, Antonio Sciberras. Il-konvenuti jghidu li ma kien sar l-ebda att pubbliku ghal dan it-trasferiment

[1] Dok B a fol 9
[2] Dok C a fol 10

izda fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom jelaboraw illi n-nannu matern taghhom kien ta din l-art lill-genituri taghhom versu l-korrispettiv ta` 40 lira sterlina li missierhom, Giuseppe Attard kien ippresta lill-genituri ta` martu, Antonio u Maria Sciberras, biex dawn setghu jaghtuhom lil binhom Giuseppe Sciberras li kien se jemigra lejn l-Awstralja. Huma jsostnu li minn dik in-nhar l-art baqghet posseduta minn ommhom Marianna Attard u zewgha *animo domini* ininterrotament, pacifikament, pubblikament u b'mod mhux ekwivoku ghal zmien ferm oltre dak rikjest mil-ligi tal-uzukapjoni.

**<u>IL-PUNTI IN KONTESTAZZJONI</u>**

3.1. L-attrici ma tirrikonoxxix dan u tinsisti li din l-art tappartjeni lil eredi kollha ta` Antonio u Maria Sciberras u li hija konsegwentement ghandha sehem minnha, peress li hija l-uniku wild ta` Margherita Refalo, bint l-istess Antonio u Maria Sciberras.

3.2. Fi kliem iehor il-kontestazzjoni principali fil-vertenza odjerna ticcentra fuq jekk il-proprjeta` ta` l-art "Ta` Bertu" ghaddietx ghand it-tfal kollha tal-konjugi Sciberras b'wirt jew jekk ghaddietx ghand Marianna Attard, omm il-konvenuti, bhala kumpens ghall-flus moghtija minnha u minn zewgha lill-genituri taghha u ghalhekk qatt ma kienet tifforma parti mill-wirt tan-nanniet taghhom.

**<u>ECCEZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAL-KONVENUTI</u>**

4.1. Inoltre jigi ukoll rilevat illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, dawn ecceppew ukoll illi –

i) l-attrici ma setghetx tipprocedi bil-kawza odjerna sakemm ma tkunx imliet id-denunzji tas-successjoni tal-persuni kollha li tippretendi li wirtet xi kwota minghandhom u hallset it-taxxa relattiva u ggib prova ta` dan fl-atti tal-kawza;

ii) il-fatt illi hija ma ddikjaratx tali raba fid-denunzja tad-decuji relattivi hija prova ohra favur it-tezi taghhom u kontra dik attrici.

**<u>IS-SENTENZA TA` L-EWWEL QORTI</u>**

5.1. B’decizjoni tas-26 ta` Frar 2002 l-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici bl-ispejjez wara li kkonkludiet illi l-konvenuti kien irnexxielhom jippruvaw li r-rekwiziti kollha tal-preskrizzjoni trentenali kienu ddekorrew favur taghhom fuq l-art mertu tal-kawza.

Dik il-Qorti, wara li kienet ezaminat il-provi prodotti mill-partijiet, u rat is-sottomissjoni attrici li peress li l-wirt kien ghadu indiviz il-preskrizzjoni ma setghetx iddekorriet minhabba l-istat ta` komproprjeta` ezistenti sakemm ma jintweriex mill-konvenuti li f’xi stadju sehhet l-interversjoni tal-pussess, ezaminat kemm it-trasferiment “ut sic” u jekk it-titolu li jippretendu li ghandhom il-konvenuti, derivat mill-preskrizzjoni sehhx u jekk hux sostenibbli.

5.2. L-ewwel Qorti irriteniet li t-trasferiment ma setghax jitqies li sar validament peress illi ma kienx konformi ma` dak rikjest mil-ligi ghat-trasferiment ta` immobbli. Ziedet pero`, li dan il-fatt wahdu ma hux necessarjament ta` ostakolu ghall-preskrizzjoni, ghaliex ghan-nuqqas ta` titolu b’att pubbliku jissupplixxi l-pussess rivestit bil-kwalitajiet rikjesti mil-ligi – igifieri pussess *animo domini*, ghal tletin sena bla bzonn li l-parti tipprova t-titolu ta` l-akkwist, u l-buona fede.

5.3. Wara li ezaminat il-provi prodotti mill-partijiet dik il-Qorti kkonkludiet illi kien gie ppruvat pussess mhux interrott kemm jekk mehud mid-data tal-mewt ta` Antonio u Maria konjugi Sciberras u iktar u iktar jekk mehud miz-zmien allegat u sostnut mill-konvenuti, ossija ftit wara li kienet izzewget ommhom fis-sena 1922. Inoltre, qalet li tali pussess ma jirrizultax li kien gie turbat jekk mhux wara z-zmien preskritt ghaliex il-ligi tikkontempla turbativi ta` certu gravita` kemm b’mod fiziku u anke bi pretensjonijiet gudizzjarji. Finalment, irrilevat illi tali pussess kien pubbliku u inekwivoku ghaliex il-muftieh kien dejjem baqa` fil-pussess tal-familja tal-konvenuti, u t-terzi kienu jirrikorru ghandhom biex jaccedu ghall-art li kienet imdawra b’hajt u kellha rixtellu li kien jinfetah permezz ta` dan il-muftieh.

**<u>L-APPELL TA’ L-ATTRICI</u>**

6.1. L-attrici interponiet appell minn din id-decizjoni fuq diversi aggravji li se jigu trattati individwalment. Minn qari tar-rikors ta` appell taghha jidher li hija ma taqbilx mad-decizjoni ta` l-ewwel Qorti li l-pussess li kellhom l-awturi tal-konvenuti kien jissodisfa r-rekwiziti mehtiega mil-ligi biex ikun pussess *animo domini* u pussess akkoppjat mat-tul taz-zmien ta` tletin sena.

6.2. L-attrici appellanti tillanja mill-fatt li, skond hi, il-Qorti l-ewwel segwiet il-linja ta` ragunament taghha, u cioe` li l-art kienet tifforma parti mill-wirt tal-konjugi Sciberras u li sakemm dan ghadu indiviz hemm il-vizzju tal-prekarjeta` fil-konfront tal-kondividenti l-ohra, u li b'hekk ma setghux jippreskrivu favurihom jekk ma jipprovawx li f'xi stadju interponew l-interversjoni tal-pussess. Tghid li l-Qorti qalet li ftit kellha xi tghid dwar din l-affermazzjoni stante l-artikolu 2118 sa 2121 tal-Kodici Civili. Izzid illi mbaghad sorprendentement kompliet billi qalet "meta fil-kaz in dizamina mhux dubitat l-awturi tal-kontendenti l-imsemmija konjugi Sciberras *qua* sidien, setghu liberament jittrasferixxu". L-appellanti telabora li jew jigi ammess li l-art baqghet fil-wirt tal-konjugi Sciberras, jew li dawn ittrasferew l-art matul hajjithom ghax hekk setghu jaghmlu – dawn l-ipotesijiet ma jistghux jezistu f'daqqa.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

7.1. Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti mhix korretta meta tghid li l-Qorti segwiet il-linja ta` ragunament taghha. Il-Qorti qatt ma qalet li l-art kienet tifforma parti mill-wirt indiviz ta` l-antenati komuni tal-kontendenti. Dik il-Qorti, fil-konsiderazzjoni taghha meta bdiet titratta in succint dak allegat mill-attrici, spjegat l-argumenti legali ta` l-attrici tul il-vertenza odjerna u mbaghad kkwotat parti min-nota ta` sottomissjonijiet taghha fejn l-attrici kienet qalet li "hemm presunzjoni li meta hemm stat ta` fatt ta` komproprjeta` l-komproprjetarji kollha jipposjedu 'pro indiviso' u sabiex in-natura ta` dan il-pussess jinbidel irid isehh l-interversjoni tal-pussess." Kompliet imbaghad hekk, "Fuq <u>din</u> l-affermazzjoni din il-qorti ftit ghandha x'tikkummenta stante li tidher ben supportata mill-artikoli 2118 sa 2121 tal-Kodici Civili…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Hija ma` din l-affermazzjoni mehuda min-nota ta` osservazzjoni li l-Qorti qablet ghaliex, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, din hija sopportata mill-artikoli tal-Kodici Civili li jinsabu fis-subtitolu intitolat “Fuq il-kawzi li jimpedixxu l-preskrizzjoni.” Dik il-Qorti, izda, ma qalitx li kien hemm bzonn l-interversjoni tal-pussess fil-kaz odjern ghaliex il-pussess kien wiehed prekarju, anzi pprecizat illi wiehed kellu jhares lejn l-artikolu 2120 li jipprovdi li –
“Kull persuna li lilha l-kerrej, id-depozitarju jew semplici detentur iehor jitrasferixxi l-haga b'titolu li jista` jitrasferixxi l-proprjeta`, tista` tippreskrivi.”

u ziedet li fil-kaz odjern l-awturi tal-kontendenti, il-konjugi Sciberras, setghu liberament jitrasferixxu u dan bir-ragun, ghaliex il-partijiet kollha jaqblu li huma kienu s-sidien ta` din l-art. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti ghaddiet biex tezamina jekk it-titolu li l-konvenuti jippretendu li kellhom bil-preskrizzjoni kienx reali u jekk dan kienx sostenibbli.

7.2. L-appellanti tilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti naqset milli tinvestiga jekk il-pussess ta` l-awturi tal-konvenuti kienx vizzjat mill-vizzju tal-prekarjeta` u ta` l-ekwivocita`. Tispjega dwar din il-lanjanza li indipendentement mill-mod kif il-konjugi Attard bdew jippossjedu l-art *de quo*, zgur li dawn ma kienux ghadhom akkwistaw l-art bil-preskrizzjoni sal-mewt tal-konjugi Sciberras u b’hekk l-art suppost intirtet mill-werrieta tal-konjugi Sciberras. B’hekk, minn dik in-nhar `l quddiem il-pussess taghhom kien wiehed prekarju u ekwivoku vis-à-vis l-eredi l-ohra ghaliex ma kien hemm xejn x’juri li huma kienu qed jipposjedu *uti dominus* u mhux bhala komproprjetarji. Izzid li matul dan iz-zmien kollu l-konvenuti jew l-awturi taghhom qatt ma ghamlu xi att li seta` jimplika l-interverzjoni fil-pussess. Fit-tieni aggravju taghha hija telabora li tul iz-zmien li kien ghaddej setghu biddlu l-pussess prekarju taghhom b’xi att gudizzjarju jew b’xi att iehor li juri irrevokabilment l-intenzjoni taghhom li qeghdin jipposjedu *qua* sidien izda, la ma ghamlux dan, il-pussess prekarju taghhom qatt ma gie mibdul fil-konfront tal-komproprjetarji l-ohra eredi tal-konjugi Sciberras.

7.3. Fil-fehma ta' din il-Qorti tali argumentazzjoni, kif sewwa jissottomettu l-appellati, kienet tkun gustifikata li kieku l-awturi tal-konvenuti dahlu fil-pussess tar-raba' wara l-mewt tal-konjugi Antonio u Maria Sciberras. Dan pero` mhux il-kaz ghaliex mill-provi rrizulta li l-awturi tal-konvenuti kien ilhom fil-pussess ta` l-art mis-snin 20 u kif ammettiet Rosaria Attard stess fix-xiehda taghha, Marianna Attard u zewgha dejjem "ghamlu huma" rigward l-eghlieqi [3]. Fi kliem iehor miz-zmien meta nghataw din l-art l-awturi tal-konvenuti kienu jqisu din l-art bhala taghhom. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-fatt, mhux ikkontestat mill-attrici, li din l-art giet inkluza fid-denunzja tas-successjoni ta` omm il-konvenuti Marianna Attard li mietet fl-1957. Inoltre, jigi wkoll rilevat illi fid-denunzja tas-successjoni ta` missierha Antonio Sciberras li miet fl-1951, ibnu Lawrence Sciberras, kien iddikjara li din l-art kienet giet moghtija dota lil Marianna Attard xi tletin sena qabel bil-kelma u "minn mindu tahielha dejjem hi ghamlet minnha"[4] Hawnhekk tajjeb jinghad li ghalkemm din id-denunzja mhix esebita fl-atti, dan il-fatt ma giex ikkontestat mill-attrici.

7.4. Jigi pero` rilevat hawnhekk illi jista` jkun li l-perjodu preskrittiv rikjest mil-ligi verament ma kienx ghadda kollu sal-mewt tal-konjugi Sciberras. Mill-atti jirrizulta li Antonio Sciberras miet fit-2 ta` Lulju 1951[5] u Maria Sciberras mietet fis-6 ta` Novembru 1956[6]. Pero` l-konvenuti ma gabu ebda prova dwar id-data preciza meta l-art *de quo* allegatament ghaddiet ghand il-genituri taghom bi tpattija wara li dawn hallsu l-erbghin lira sterlina lil Antonio Sciberras li kellu bzonnhom ghal ibnu Giuseppe Scibberras li ried jemigra. Il-konvenuta Antonia Attard xehdet illi din it-transazzjoni kienet sehhet xi ftit snin wara li missierha Guzepp Attard kien izzewwweg lil ommha – jigifieri xi snin wara it-18 ta` Novembru 1922 u zzid: "Jien twelidt ftit snin wara li sehh dan kollu…"[7]. Issa mill-atti jirrizulta li Antonia Attard twieldet fit-12 ta` Jannar 1931.[8]

[3] fol 38
[4] fol 92
[5] fol 9
[6] fol 10
[7] fol 92
[8] fol 74

F'kelma wahda, skond ix-xhud it-trasferiment sar xi snin wara l-1922, u xi ftit ta` snin qabel l-1931. Ghalhekk jista` jkun li l-perjodu ta` tletin sena ma kienx ghadda kollu sal-gurnata tal-mewt tal-konjugi Sciberras.

7.5. Dan pero` mhux ta` ostakolu ghall-preskrizzjoni akkwizittiva, u dan ghaliex il-konvenuti, kif diga` intqal qabel, kien ilhom fil-pussess taghhom ghal bosta snin qabel il-mewt tal-antenati tal-kontendenti, u baqghu f'tali pussess, mhux disturbat, ghal erbghin sena wara l-mewt ta` Maria Sciberras. F'kelma wahda, il-preskrizzjoni akkwizittiva favur il-konvenuti ma gietx interrotta, u inoltre rrizulta kjarament, kif sewwa ddikjarat l-ewwel Qorti, li tali pussess gie turbat biss <u>wara</u> z-zmien preskritt.

7.6. L-appellanti, kemm tul il-kawza fin-noti ta` sottomissjonijietipprezentati minnha u anke fir-rikors ta` appell, insistiet li l-konvenuti ma setghux jippreskrivu favurihom ghaliex il-pussess taghhom sar vizzjat bil-prekarjeta` u l-ekwivocita` vis-à-vis l-eredi l-ohra billi dawn ma ghamlu l-ebda att li seta` jimplika l-interversjoni tal-pussess. Anzi hija tinsisti, fit-tieni aggravju taghha, li ghalkemm setghu biddlu t-titolu taghhom fil-kors tas-snin, wara li saru ko-eredi, billi jaghmlu xi att gudizzjarju jew att iehor li juri irrevokabilment l-intenzjoni taghhom li jipposjedu bhala sidien, huma ma ghamlux dan.

7.7. Dawn id-diversi sottomissjonijiet gew ittrattati fid-dettal mill-Qorti ta` l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **Grazia Borg v. Rosa Farrugia noe et**[9] fejn gie ritenut illi l-komunista li jkun beda jipposjedi f'ismu, *<u>in</u>* *<u>nome proprio</u>*, jista` jippreskrivi ghad-dannu tal-komunisti l-ohra minghajr bzonn ta` l-interversjoni tat-titolu tal-pussess tieghu. Dwar dan, dik il-Qorti spjegat illi l-kommentaturi tad-disposizzjonijiet tal-kodicijiet taljani u francizi, analogi ghal taghna, rrisalew ghad-dritt Ruman klassiku u ghall-opinjoni ta` l-iskritturi u kommentaturi tad-dritt komuni li ddistingwew bejn meta l-haga komuni tkun giet posseduta mill-ko-eredi jew minn wiehed minnhom in komuni, u l-kaz meta tkun giet posseduta minn wiehed biss minnhom

[9] deciza fil-15 ta` Marzu 1957

f'ismu proprju. Fl-ewwel kaz innegaw u fit-tieni kaz ammettew il-preskrizzjoni. Il-Qorti, kienet ghamlet rassenja ta` l-awturi li kienu ttrattaw din il-kwistjoni u ccitat anke lil Pacifici Mazzoni li dwar l-affermazzjoni li l-interversjoni tat-titolu mhux necessarju jekk il-preskrivent kien dahal fil-pussess u ppossjeda bhala proprjetarju esklussiv, kien tal-fehma li:

"perche` tale prescrizione incominci, corra e si compia, non e` necessario che avvenga cambiamento nel titolo del possesso; basta sol questo, che l'erede abbia posseduto separatamente dagli altri co-eredi, cioe` da proprietario esclussivo ed assoluto (Istituzioni Vol VI n.279; commenti, Vol X n.109)"

7.8. F'dak il-kaz il-Qorti, kienet qeghda titratta sitwazzjoni fejn il-komproprjetarju jibda jipposjedi esklussivament il-proprjeta` kollha u spjegat illi "l-komunista, malli jipposjedi esklussivament, bis-sahha ta` l-espansjoni tad-dritt tal-proprjeta` jestendi dak il-pussess esklussiv ghall-haga komuni kollha. Huwa, ghalhekk, m'ghandux bzonn jibdel it-titolu tal-pussess tieghu, ghaliex il-kwalita` tieghu ta` konsorti taghtih id-dritt li jestendi l-pussess fuq il-haga intiera malli jispicca l-pussess ta` haddiehor. U l-konsegwenza tal-fakolta` tal-konsorti li jibdel il-pussess ta` komproprjetarju f'pussess esklussiv hija l-fakolta` li jippreskrivi…"

7.9. Ghalhekk isegwi li anke li kieku wiehed kellu jaccetta t-tezi ta` l-appellanti li l-art intirtet mill-eredi tal-konjugi Sciberras, xorta jirrizulta li l-art kienet ilha fil-pussess esklussiv u mhux interrott tal-konvenuti aktar miz-zmien rikjest mil-ligi ghall-preskrizzjoni akkwizittiva. Il-konvenuti ma kellhom bzonn jaghmlu l-ebda att ta` interversjoni ta` pussess - huma kienu ilhom jippossjedu l-art bosta snin u baqghu f'dan il-pussess sal-1996, meta l-attrici nfurmat lil Michael Paul Bajada li riedet sehemha (ara xiehda ta` Lina Mizzi a fol 84 et seq). Se mai, kif sewwa ssottomettew l-appellati fir-risposta taghhom, kienu l-koeredi l-ohra tal-konjugi Sciberras li jekk kienu qed jippretendu xi parti mill-art kellhom jinfurmaw lill-konvenuti b'xi att gudizzjarju.

7.10. Darba li gie stabbilit li l-konvenuti ma kellhom bzonn jaghmlu l-ebda att ta` interversjoni tal-pussess, u li b'hekk il-pussess taghhom ma kienx vizzjat bil-prekarjeta` jew l-ekwivocita`, kif allegat mill-appellanti, wiehed jista` jghaddi biex jittratta t-tielet aggravju ta` dan l-appell, fejn l-appellanti tattakka l-esklussivita` tal-pussess ta` l-awturi tal-konvenuti. L-attrici tilmenta li l-ewwel Qorti ssimplifikat izzejjed il-portata tan-negozju li sar bejn il-konjugi Attard u Giuseppe Sciberras u li ta lok ghal dan it-trasferiment u dan, skond hi, b'konsegwenzi sfortunati fuq il-kumplament tal-konkluzzjoni tal-Qorti.

7.11. L-appellanti tkompli telabora li dak li gara u x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet huwa ferm importanti biex jigi determinat jekk l-awturi tal-konvenuti bdewx jipposjedu *uti dominus* bhala proprjetarji unici ta` l-art. Skond l-appellanti hemm tlett ipotesijiet ta` kif l-art *de quo* setghet spiccat ghand il-konjugi Attard, jigifieri,

i) l-art inghatat in kontra-kambju ta` erbghin lira sterlina biex G.Sciberras seta` jemigra;

ii) l-art inghatat b'dota lil Marianna Attard, u allura xorta ghandha tingieb ghad-divizjoni u tigi kollazzjonata;

iii) l-art inghatat b'antikresi lil Guisepp Attard minhabba l-erbghin lira sterlina li kien silef lil Giuseppe Sciberras biex dan ta` l-ahhar jista` jemigra. In-negozju izda ma giex konkluz ghaliex fit-testment taghhom il-konjugi Sciberras jiddikjaraw li dan kien ghad fadallu jaghti erbghin lira sterlina – u ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax ikun hemm l-intenzjoni tal-awturi tal-konvenuti li jipposjedu *animo domini*.

Tghid in oltre li hija "oversimplification" li l-Qorti ma dahlitx f'dan il-mertu. B'hekk hija ssostni li dan kollu jitfa` dubju fuq il-kwalita` tal-pussess li kellhom il-konjugi Attard, li qatt ma seta` jpoggi lill-konvenuti f'posizzjoni li jippreskrivu fil-konfront tal-kondividendi kollha.

8.1. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aggravju ta` l-appellanti wkoll mhux fondat. L-ewwelnett mhux korretta l-appellanti meta tghid li l-ewwel Qorti ma ezaminatx din il-

kwistjoni. L-ewwel Qorti ezaminat il-pussess li l-awturi tal-konvenuti kellhom fuq l-art *de quo* u kkonkludiet li tali pussess kien wiehed pacifiku, kontinwu, mhux miksur, pubbliku u mhux ekwivoku, u dan wara li ghamlet apprezzament tal-provi prodotti u ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza appellata. Inoltre, jidher ukoll li dik il-Qorti kienet tat kredibilita` lit-tezi konvenuta – ossija li l-konjugi Attard kienu gew moghtija l-art minghand l-konjugi Sciberras wara li dawn ta` l-ewwel tawhom l-erbghin lira sterlina li l-konjugi Sciberras kellhom bzonn biex binhom jemigra lejn l-Awstralja. Tali konkluzzjoni tidher li hija dik l-aktar verosimili, ghaliex kif sewwa qalet l-ewwel Qorti l-konjugi Sciberras stess fit-testment taghhom[10] jiddikjaraw li binhom Giuseppe Sciberras kien ghad ghandu jaghti s-somma ta` erbghin lira sterlina. Tali dikjarazzjoni wkoll tindika kjarament li l-flus kienu gew moghtija lil konjugi Sciberras u li mbaghad dawn silfuhom lil binhom Giuseppe Sciberras biex dan jemigra. Kif sewwa jissotomettu l-appellati jidher li sehhew zewg transazzjonijiet separati. Illi inoltre jigi rilevat illi l-attrici Rosaria Attard stess qalet fix-xiehda taghha li hi ma kienet taf xejn fuq ic-cirkostanzi kif huha Guzeppi kien siefer jew fuq xi arrangament li seta` kien hemm fuq ir-raba'.[11]

8.2. Mill-ftit provi prodotti mill-partijiet jirrizulta illi l-pussess tal-konjugi Sciberras kien jissodisfa r-rekwiziti rikjesti mill-Kodici Civili fl-artikolu 2107(1). Kemm l-attrici u anke l-konvenuti jaqblu li Marianna Attard u zewgha dejjem ghamlu dak li riedu bl-art in kwistjoni, ghalkemm l-attrici tghid li l-art "Marianna ma tafx li qatt hadmitha[12]" Il-konvenuti, izda jinsistu li l-art *de quo* kienet tinhadem, ghalkemm mhux kollha ghaliex parti minnha kienet blat. Antonia Attard sahansitra qalet li l-ghalqa kienet qisha l-gardina taghhom u li hija kienet ghadha tmur hemm sal-lum anke jekk l-art giet imhammla[13]. Inoltre, kemm Michelina Bajada u l-konvenuta l-ohra, ohtha Antonia Attard, it-tnejn xehdu li missierhom kien jahdem zewg eghlieqi ohra tan-nannu taghhom u meta ma felahx

[10] fol 44 et seq
[11] fol 39
[12] fol 38
[13] fol 101

jahdimhom izjed, hu rritornahom lura. Antonia Attard tghid li l-art de quo "la qatt talbuhielna u lanqas qatt gew go fiha ghax kienu jafu li dik taghna. Ilha f'idejna iktar minn 70 sena."[14] Illi l-fatt li l-konjugi kienu jaghmlu li jridu bir-raba' huwa wkoll konfermat fid-dikjarazzjoni tas-successjoni ta` Antonio Sciberras, li saret minn ibnu Lawrence Sciberras (illum mejjet) li dwar l-art jghid li Marianna "minn mindu tahielha dejjem hi ghamlet minnha"[15]. Ghalkemm din id-denunzja ma gietx pprezentata, din l-affermazzjoni ma gietx kontradetta mill-appellanti. Inoltre, din l-intenzjoni tal-konvenuti li jipposjedu _animo domini_ tidher cara wkoll mill-fatt li l-art giet denunzjata fis-successjoni ta` ommhom Marianna Attard, izda din qatt ma giet imnizzla fid-denunzja ta` omm l-attrici jew ta` l-istess attrici Rosaria Attard. Jigi rilevat ukoll li tant l-art kienet tigi posseduta _animo domino_ li Mikelina Bajada xehdet li l-genituri taghha hamsin sena qabel, meta kienet ser tizzewweg, riduha tibni r-residenza taghha fuqha.

8.3. Il-konvenuti xehdu, inoltre, li r-raba' _de quo_ kien imdawwar b'hajt li kien fih rixtellu li jinfetah b'muftieh, li kien ghadu fil-pussess taghhom sal-lum, nonostante li issa dan tnehha meta beda jhammel il-konvenut Michael Paul Bajada. Jghidu li min ried jidhol kien jitlobhom il-permess u li meta l-gar kellu bzonn jirranga l-hajt li jmiss maghha lilhom qal. Min-naha l-ohra, bint l-attrici, Lina Mizzi fix-xiehda taghha tghid li l-art kienet zdingata, ma kenitx tinhadem u li hi gieli marret fiha minghajr ma kellha titlob permess lil hadd. Biex tipprova dan tghid:
"Jien ghandi tmienja u tletin sena u niftakar ir-raba` ta` Bertu…fil-kundizzjoni li tinsab fil-present, u cioe` qabel ma Michael Paul Bajada pprova jibni fiha. Hawnhekk naghmel referenza ghal fotografiji li gia gew esebiti fl-atti tal-kawza pendenti li juru bl-iktar mod car il-kundizzjoni tar-raba'."

Dawn ir-ritratti izda ma jippruvaw xejn, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, ghaliex jirrizulta li dawn ittiehdu f'Awissu

---
[14] fol 93
[15] fol 92

1996, cioe` sentejn wara li saret id-donazzjoni ta` l-art lill-konvenut.

9.1. Jibqa` ghalhekk l-ahhar aggravju ta` l-appellanti dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. L-appellanti tissottometti li l-ewwel Qorti accettat il-prova tal-pussess ininterrott fil-konvenuti u l-awturi taghhom bhala fatt indubitat u ccitat mix-xiehda ta` l-attrici filwaqt li skartat dik ta` bintha Lina Mizzi, li qalet li gieli kienet tmur fir-raba' u ma kienet titlob permess lil hadd. Inoltre tillanja li l-Qorti warrbet fatt importanti li hareg mix-xiehda ta` Mikelina Bajada li fl-affidavit taghha qalet li meta gew biex jaghmlu d-denunzja ta` Concetta Sciberras l-attrici insistiet li r-raba' de quo jigi inkluz fid-denunzja.

9.2. Issa kif sewwa rrilevaw l-appellati huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna li l-Qorti ta` l-Appell ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tax-xhieda maghmul mill-ewwel Qorti hlief jekk jirrikorru elementi ta` misinterpretazzjoni gravi. Dan ghaliex dik il-Qorti tkun fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tgharbel il-provi migbura quddiemha[16]. Ma jirrizultax li hawnhekk jezistu cirkostanzi simili.

Illi inoltre gie ritenut illi "F'sitwazzjoni… ta` kredibilita` u apprezzament ta` provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa mbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta` kuntrast bejn zewg verzjonijiet 'mhuwiex kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola ta` *in dubio pro reo*' (**Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia**, Prim Awla tal-Qorti Civili 24/11/1966"[17]). Inoltre, gie ritenut illi f'kaz ta` verzjonijiet kontradittorji, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti ghandha tislet minn dawn il-provi il-korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra fuq il-bilanc ta` probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, fil-kawzi civili, huma

[16] Xeureb N. vs R. Aquilina pro et – Appell Superuri – deciz 6/12/2002
[17] Grech Charles vs NMJ Co Ltd et – Appell Inferjuri deciz 14/1/2004

generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant[18]. Kien proprju dan li ghamlet l-ewwel Qorti fil-kawza odjerna.

L-aggravji attrici ghalhekk jirrizultaw li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata tichad l-appell ta' l-attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[18] Maria Xeureb et vs Clement Gauci et - Appell Inferjuri deciz 24/3/2004